MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 2116/1998/1

**The General Soft Drinks Co Ltd**

**Vs**

**Ian Zahra u George Galea kif ezercenti fil-Kummerc Naafi Canteen & War Rooms**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kundannati li jhallsu s-somma ta’ mija tlieta u hamsin liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm153.49), prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti, ghal liema merkanzija inhareg cekk mill-konvenuti li pero ma giex onorat mill-bank meta gie pprezentat biex jissarraf u dan kif jirrizulta mid-dokumenti markati Dok 1 sa 2.

Dan l-ammont baqa' dovut anke wara li gew nterpellati permezz ta' ittra ufficjali kif jidher mid-dokument mmarkat Dok 3.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll iz-zewg dokumenti markati Dok 1 sa Dok 2 a fol 2 u fol 3 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Galea u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. L-ammont mhux dovut minnu stante li l-merkanzija de quo kienet ordnata mill-konvenut Zahra ad insaputa u minghajr il-kunsens ta' l-eccipjent;
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost ic-cheque de quo inhareg biss mill-konvenut Zahra minghajr l-gharfien u l-kunsens ta' l-eccipjenti kif jidher mic-cheque prezentat li ghandu biss firma wahda meta kien jinhtieg zewg firem.
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti kien diga hallas l-ammont reklamat minnu mis-socjeta attrici wara ftehim li kien milhuq bejnu u l-manager tas-socjeta attrici.
4. Salv eccezzonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-konvenut, Ian Zahra, fis-seduta tal-14 ta' Settembru 1999, kien deher ghalih, l-Avukat difensur tieghu u waqt li nforma lill-Qorti li l-patrocinat tieghu kien indispost, kien qal, ukoll, illi dan il-konvenut kien ser jikkontesta t-talbiet attrici. Ghal dan il-ghan, il-Qorti tat il-fakolta lil dan il-konvenut sabiex jippresenta l-eccezzjonijiet tieghu bil-miktub, fi zmien ghoxrin (20) jum (ara fol 14 sa fol 21 tal-atti). Pero dan ma avverax ruhu u , difatti, l-istess konvenut lanqas ma deher quddiem il-Qorti jew ipproduca xi prova in difesa (ara ukoll, fol 36 u fol 37 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, prodott mis-socjeta attrici, xehed (Aldo Saliba) (fol 22 et seq ibid) li sema' li l-ammont mitlub kien dovut in konnessjoni ma' bejgh ta' minerali. In konnessjoni mal-istess ammont, kien inhareg "cheque" numru 0-00027 fuq il-kont bin-numri kif indikati fuq l-istess "cheque" datat l-1 ta' Ottubru 1996 (ara fol 24 u fol 25 ibid). In rigward l-istess strument kreditizju, jidher li ghandu firma wahda biss, avolja l-kont relattiv kien fuq isem iz-zewg konvenuti, liema firma tidher li hi ta' Ian Zahra, wahdu. L-istess 'cheque', sussegwentement ma kienx gie onorat minhabba "another drawer's signature required".

Ikkunsidrat
Illi l-konvenut, George Galea, (fol 28 et seq ibid) spjega, in rigward in negozju ("canteen") bejnu u l-konvenut l-iehor, illi dan "… kien jordna x-xoghol u l-hlas kien isir billi t-tnejn niffirmaw ic-cekks". Hu kompla jghid illi "Xi ghaxart ijiem wara (l-ewwel ordni debitament imhallsa) pero, kienet saret ordni ohra minn Ian Zahra li ma kontx naf biha". Difatti, xhur wara, kien gie muri mis-socjeta attrici, "cekk" 'single signature' minghajr il-firma tieghu. Dwar din l-ordna hu sahaq illi "…..ma dahlitx fil-hanut in kwistjoni, fil-'canteen' ".

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li z-zewg konvenuti kienu jiggestixxu flimkien, bhala shab, il-'canteen' in esami. Pero l-konvenut George Galea jikkontendi illi l-ordni u l-konsenja in esami kienet saret, ad insaputa tieghu mill-konvenut l-iehor, Ian Zahra.

Dwar dan il-punt, jigi rilevat illi:-

a) kien jispetta lis-socjeta attrici sabiex tipprova li l-merkanzija in kwistjoni, kienet, bhala fatt, giet ordnata miz-zewg konvenuti u konsenjata lilhom it-tnejn. Pero' dan, mill-provi prodotti ma irrisultax pruvat skond il-ligi, fuq basi ta' probabilita kif rikjest.

Effettivament jidher li l-ordni in kwistjoni saret, ad insaputa ta' George Galea u minn Ian Zahra, wahdu. Difatti c-'cheque' imsemmi kien gie ffirmat mill-istess Ian Zahra, wahdu indizju li juri illi George Galea ma kien jaf b'xejn dwar l-istess ordni u l-konsenja tal-istess merkanzija u li jindika illi Ian Zahra kien agixxa wahdu.

Ikkunsidrat

Illi, a bazi ta' dak premess, it-talba in esami ma tistax tigi akkolta fil-konfront ta' George Galea izda tista' tigi milqugha biss, fil-konfront tal-konvenut l-iehor.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut, George Galea, tilqa l-istess talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut l-iehor u tikkundanna lill-konvenut, Ian Zahra, sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm153.49,0 bl-imghaxijiet legali mill-ewwel (1) ta' Ottubru 1996, id-data ta' hrug tac-cheque imsemmi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali msemmija fl-avviz minghajr data specifikata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------